**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

**Rikors nru: 191/2016 CFF**

**DEFRANCO ENTERPRISES LIMITED**

**VS**

**JESMOND GAFFIERO**

**Illum it-Tlieta 4 t'Ottubru, 2016**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tas-socjeta' attrici fejn talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' ghaxart elef u disa' u tmenin Euro u sitta u tletin centezmi (€10,089.36) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u lilu kkonsenjata.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li gie prezentat kontestwalment, u bl-imghax kummercjali b'effett mis-17 ta' Jannar 2015, li hija d-data ta' l-ahhar konsenja, sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut Jesmond Gaffiero gie notifikat fl-20 t'Awwissu, 2016 pero' la deher u lanqas ipprezenta risposta fis-seduta tas-27 ta' Settembru, 2016.

Rat li fl-istess seduta, is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat li fis-seduta sussegwenti tal-4 t'Ottubru, 2016, il-konvenut imsejjah tlett darbiet rega' naqas li jidher, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta' attrici ghandha titqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' ghaxart elef u disa' u tmenin Euro u sitta u tletin centezmi (€10,089.36), bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li gie prezentat kontestwalment, u bl-imghax kummercjali b'effett mis-17 ta' Jannar 2015 sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**